MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 994/2012

**Avv. Carmel Chircop**
**vs**
**Dolphin Industrial Services Limited**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-socjeta Dolphin Industrial Services Limited tat-3 ta’ Ottubru 2012 ai termini tal-artikolu 326 tal-Kap. 12 ghas-sospensjoni tas-subbasta fl-ismijiet premessi li ghandha tinzamm fl-10 ta’ Ottubru 2012;

Rat li l-intimat gie notifikat ghalkemm jirrizulta illi l-intimat kellu jiehu l-isbriga li jottjena kopja tal-rikors billi gie notifikat bl-avviz tas-smigh biss;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet filwaqt li hadet konjizzjoni tal-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2012.

**Ikkunsidrat**

Il-bazi ta’ din it-talba ghas-sospenzjoni hi l-mertu ta’ rikors ghar-revoka tal-mandat ta’ qbid ezekuttiv numru 1024/2012 li wassal ghas- subbasta in kwistjoni. Sfortunatament dan ir-rikors ghar-revoka a bazi tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 gie assenjat lil din il-Qorti diversament presjeduta filwaqt li r-rikors ghas-sospensjoni gie assenjat lil din il-Qorti kif presjeduta. Ghalkemm ir-rikorrenti ma jahtix li z-zewg talbiet konnessi ma’ xulxin ma ingiebux quddiem l-istess Qorti biex tiddeciedi fuqhom flimkien, xejn ma kien josta lir-rikorrenti li t-talba ghas-sospensjoni issir fit-talba ghar-revoka billi kif ivverbalizza d-difensur tar-rikorrenti s-sospensjoni tas-subbasta qed tintalab peress li qed jallega ragunijiet validi ghaliex il-mandat ezekuttiv jigi dikjarat null u b’hekk kienet tigi evitata l-konfuzjoni li nholqot.

Mandankollu l-Qorti talbet li jigi esebit kopja tar-rikors ghar-revoka tal-mandat u dan mhux biex din il-Qorti tidhol fil-mertu tat-talba ghar-revoka tal-mandat u qed taghmilha cara li din il-Qorti li mhix bl-ebda mod ser tippronuncja ruhha fuqha pero qua prova tar-raguni ghalfejn titolu ezekuttiv rez ezegwibbli bil-proceduri konsegwenzjali tas-subbasta mertu tal-kwistjoni de quo ghandu jigi sospiz pendenti proceduri ghar-revoka tal-mandat.

Ir-ragunijiet allegati fir-rikors revoka huma tali li din il-Qorti ma thosshiex komda li tordna l-prosegwiment tas-subbasta billi f’kaz li r-rikorrenti ghandu ragun f’tali allegazzjonijiet (uhud minnhom ta’ natura legali procedurali li jistghu jimpingu fuq il-validita tal-mandat innifsu li ta’ lok ghal proceduri ta’ subbasta), it-tkomplija tas-subbasta ser tikkreja pregudizzju serju lill-istess rikorrenti. Il-Qorti pero ma tistax ma tirrimarkax illi dan ir-rikors kif ukoll dak tar-revoka seta’ sar hafna zmien qabel it-3 ta’ Ottubru 2012 billi kien ikun hemm aktar zmien biex il-kwistjoni tigi mistharrga b’aktar serenita milli kif giet intavolata ezatt entro t-terminu moghti mill-ligi li fiha tali talba ghal sospensjoni setghet issir u dan ser jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fil-kap tal-ispejjez.

Inoltre l-Qorti ghalkemm stiednet lil partijiet sabiex din il-Qorti tirrikjama quddiemha r-rikors ghar-revoka biex

jinstema' kontestwalment mar-rikors ghas-sospensjoni, din l-istedina giet opposta mid-difensur tar-rikorrenti ghal ragunijiet li huma nieqsa minn fondament legali kostruttiv izda li din il-Qorti mhix ser tiddelunga fuqhom ghal dak li gia l-Qorti ippronuncjat aktar il-fuq f'dan id-digriet.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tilqa' t-talba u tissospendi provvizorjament il-prosegwiment tas-subbasta pendenti l-ezitu tal-proceduri ghar-revoka tal-mandat ta' qbid.

In vista ta' dak li ntqal aktar il-fuq l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------